

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1619**tat-8 ta' Settembru 2016****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 948/2014 dwar l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin privat ta' trab tal-ħalib xkumat**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2), l-Artikolu 20(c), (f), (l), (m) u (n) u l-Artikolu 223(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 948/2014 ⁽⁴⁾ fetax skema ta' ħżin privat għat-trab tal-ħalib xkumat, minħabba s-sitwazzjoni tas-suq partikolari u diffiċli, li notevolment irriżultat mill-projbizzjoni introdotta mir-Russja fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħalib mill-Unjoni.
- (2) Dik l-iskema ta' ħżin privat ġiet estiża bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2014 ⁽⁵⁾, (UE) 2015/303 ⁽⁶⁾, (UE) 2015/1548 ⁽⁷⁾ u (UE) 2016/224 ⁽⁸⁾. B'riżultat ta' dan, l-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna jistgħu jiddaħħlu sat-30 ta' Settembru 2016.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2016, ir-Russja estendiet il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li jorjiginaw mill-Unjoni sa tmiem l-2017.
- (4) Il-produzzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni żdiedet bi 18 % fil-perjodu ta' bejn Jannar u April 2016 minħabba ż-żieda fil-produzzjoni tal-ħalib, filwaqt li l-esportazzjonijiet naqsu bi 8 % fl-istess perjodu. L-esportazzjonijiet ta' trab tal-ħalib xkumat tradizzjonalment jirrappreżentaw bejn 40 u 50 % tat-total tal-produzzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni.
- (5) Minħabba dan, il-prezzijiet tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni għadhom taħt pressjoni negattiva.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 346, 20.12.2013, p. 12.

⁽³⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 948/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jiftaħ il-ħżin privat għat-trab tal-ħalib xkumat u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' ghajjnuna (ĠUL 265, 5.9.2014, p. 18).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 fir-rigward tal-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠUL 360, 17.12.2014, p. 15).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/303 tal-25 ta' Frar 2015 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 dwar l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠUL 55, 26.2.2015, p. 4).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1548 tas-17 ta' Settembru 2015 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 dwar l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠUL 242, 18.9.2015, p. 26).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/224 tas-17 ta' Frar 2016 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 947/2014 u (UE) Nru 948/2014 dwar l-aħħar jum għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin privat ta' butir u ta' trab tal-ħalib xkumat (ĠUL 41, 18.2.2016, p. 8).

- (6) Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tas-suq jixraq li tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tal-iskema ta' għajjnuna għall-ħżin privat ta' trab tal-ħalib xkumat u li din tiġi estiża sal-bidu tal-perjodu ta' intervent tal-2017 fl-1 ta' Marzu 2017.
- (7) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fil-possibbiltà li jiddaħħlu applikazzjonijiet skont l-iskema, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq fi Prodotti Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 948/2014, "it-30 ta' Settembru 2016" tinbidel bi "it-28 ta' Frar 2017".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
